KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.4.2008
KUMM(2008) 170 finali

2008/0066 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea fuq in-naħa l-waħda u l-Gvern ta' New Zealand fuq in-naħa l-oħra

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea fuq in-naħa l-waħda u l-Gvern ta' New Zealand fuq in-naħa l-oħra

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-firma u l-konklużjoni ta' ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea fuq in-naħa l-waħda, u l-Gvern ta' New Zealand fuq in-naħa l-oħra

New Zealand hija l-uniku pajjiż industrijalizzat mhux Ewropew li miegħu l-KE għad m'għandhiex ftehim Xjentifiku u Teknoloġiku fis-seħħ. Bħalissa l-kooperazzjoni bejn il-Komunità u New Zealand hija bbażata fuq Ftehim Tekniku għall-Kooperazzjoni fix-Xjenza u fit-Teknoloġija bejn il-Kummissjoni u l-Gvern ta' New Zealand li kien iffirmat u daħal fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 1991. Dan l-arranġament ma jipprevedix koordinazzjoni istituzzjonalizzata ta' attivitajiet kooperattivi u lanqas ma jipprovdi għal regoli speċifiċi li jkopru t-trattament u l-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali.

Matul l-aħħar sena u nofs, il-Gvern ta' New Zealand ripetutament iddikjara fuq l-ogħla livell politiku x-xewqa tiegħu li jaġġorna l-"arranġament Xjentifiku u Teknoloġiku" t'aktar 'il fuq għal ftehim formali. Barra minn hekk, f'ittra lill-Kummissarju Potočnik tas-17 ta' Ottubru 2006 il-Ministru għar-Riċerka, ix-Xjenza u t-Teknoloġija ta' New Zealand spjega r-raġunijiet għal aġġornament b'mod aktar konkret. L-ittra identifikat numru ta' oqsma prijoritarji ta' interess għal New Zealand, fejn jixtiequ jsaħħu l-kollaborazzjoni, prinċipalment permezz ta' Programm ta' Qafas. Dawn l-oqsma huma: l-Ikel, l-Agrikoltura u l-Bijoteknoloġija, it-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni, is-Saħħa, l-Ambjent u l-mobilità tar-Riċerkaturi. Dawn jikkorrispondu b'mod sħiħ għall-oqsma li s-servizzi tal-Kummissjoni jqisuhom interessanti u promettenti għal kollaborazzjoni futura minn perspettiva Ewropea.

Għalhekk, il-Kummissarju Potočnik wieġeb fit-23 ta' Novembru 2006 għall-ittra tal-Ministru għar-Riċerka, ix-Xjenza u t-Teknoloġija ta' New Zealand u kkonferma li huwa kien jikkondividi din il-valutazzjoni rigward l-utilità ta' ftehim formali ta' kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità u New Zealand u li huwa jilqa' bil-ferħ il-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika.

B'hekk, fuq proposta tal-Kummissjoni, fit-18 ta' Settembru 2007 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja f'isem il-Komunità Ewropea ftehim ta' kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika mal-Gvern ta' New Zealand u ħarġet id-direttivi rilevanti ta' l-innegozjar. In-negozjati rriżultaw fl-abbozz tat-test ta' ftehim mehmuż li kien inizjalizzat fl-20 ta' Novembru 2007.

Il-Ftehim huwa konsistenti mad-direttivi ta' l-innegozjar: huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' benefiċċju reċiproku, ta' opportunitajiet reċiproċi għal aċċess għall-programmi u għall-attivitajiet ta' xulxin li jkunu rilevanti għall-fini tal-Ftehim, ta' non-diskriminazzjoni, tal-ħarsien effettiv tal-proprjetà intelletwali u ta' kondiviżjoni ekwa tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali.

Barra minn hekk, fl-Artikolu 6(3)(c) il-ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt li jiġi stabbilit miż-żewġ aġenti eżekuttivi tal-Partijiet, bla ħsara għall-proċessi ta' approvazzjoni domestika ta' kull Parti, jista' jagħmel emendi tekniċi għall-Ftehim kif ikun meħtieġ. Iż-żewġ partijiet għan-negozjati qablu li dawn l-emendi tekniċi għandhom ikunu ristretti għall-modifikazzjoni tat-termini u tar-referenzi tekniċi li jistgħu jitbiddlu matul bidla minn Programm ta' Qafas wieħed għall-ieħor. Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni mgħaġġla ta' dawn l-emendi tekniċi u sabiex tkun evitata proċedura oneruża għal emendi li jħallu s-sustanza tal-Ftehim mhux mimsusa, il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex jawtorizzaha, skond l-Artikolu 300(4) tat-Trattat KE, ħalli tapprova l-modifikazzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 6(3)(c) tal-Ftehim f'isem il-Komunità.

Skond l-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, dan se jkun konkluż għal perjodu inizjali ta' ħames snin u jkompli jkun fis-seħħ wara dan il-perjodu inizjali sakemm kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma tinnotifikax lill-oħra li għandu jiġi mitmum.

In-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika ma' New Zealand huma fl-interess Ewropew. Tali ftehim għandu jippermetti li jiġi esplojtat b'mod sħiħ il-potenzjal ta' kooperazzjoni ma' dan il-pajjiż industrijalizzat. Meta jitqies li "arranġament Xjentifiku u Teknoloġiku" informali diġà ilu jeżisti sa mill-1991, il-piż amministrattiv u l-ammont ta' xogħol addizzjonali li ġejjin minn aġġornament għandhom ikunu relattivament limitati.

Fid-dawl tal-konsiderazzjoni t'aktar 'il fuq, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill

– Japprova f'isem il-Komunità Ewropea d-deċiżjonijiet meħmuża;

– Jinnotifika lill-awtoritajiet ta' New Zealand li l-Komunità Ewropea kkompletat il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea fuq in-naħa l-waħda u l-Gvern ta' New Zealand fuq in-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 170 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

BILLI:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika mal-Gvern ta' New Zealand.

(2) In-negozjati rriżultat fil-ftehim mehmuż li kien inizjalizzat fl-20 ta' Novembru 2007.

(3) Jeħtieġ li l-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni jiġi ffirmat minħabba l-possibbiltà li jiġi konkluż f'data futura.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

(1) Soġġett għal konklużjoni f'data futura, il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat li jaħtar il-persuna li se tingħata s-setgħa tiffirma, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-Gvern ta' New Zealand, fuq in-naħa l-oħra.

(2) It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-pożizzjoni tal-Komunità li għandha tittieħed fil-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 6(1) tal-Ftehim rigward l-emendi tekniċi għall-Ftehim skond l-Artikolu 6(3)(c) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjal.

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President

2008/0066 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea fuq in-naħa l-waħda u l-Gvern ta' New Zealand fuq in-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 170 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

BILLI:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika mal-Gvern ta' New Zealand,

(2) Dan il-Ftehim kien iffirmat mir-rappreżentanti tal-Partijiet fi..... ġewwa..... Brussell, soġġett għal konklużjoni f'data futura,

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand b'dan qed jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea[1].

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità u tadotta l-pożizzjoni tal-Komunità li għandha tittieħed fil-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 6(1) tal-Ftehim rigward l-emendi tekniċi għall-Ftehim skond l-Artikolu 6(3)(c) tal-Ftehim.

[1] Għat-test tal-Ftehim, ara ĠU L xxxx.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea, għandu jagħmel in-notifika pprovduta fl-Artikolu 13(1) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand

Il-Komunità Ewropea (li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "il-Komunità) u l-Gvern ta' New Zealand, li minn hawn 'il quddiem se jissejħu konġuntement "il-Partijiet";

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Partijiet qed isegwu attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni teknoloġika f'numru ta' oqsma ta' interess komuni, u peress li huma konxji mill-espansjoni rapida ta' l-għarfien xjentifku u mill-kontribuzzjoni pożittiva tiegħu fil-promozzjoni ta' kooperazzjoni bilaterali u internazzjonali;

FILWAQT LI JINNOTAW li kien hemm skambju ta' kooperazzjoni u ta' informazzjoni f'numru ta' oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi taħt l-Arranġament bejn il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Gvern ta' New Zealand għal Kooperazzjoni fix-Xjenza u fit-Teknoloġija tas-17 ta' Mejju 1991;

FILWAQT LI JIXTIEQU jespandu l-ambitu tal-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika f'numru ta' oqsma ta' interess komuni permezz tal-ħolqien ta' sħubija produttiva għal finijiet paċifiċi u ta' benefiċċju reċiproku;

FILWAQT LI JINNOTAW li tali kooperazzjoni u l-applikazzjoni tar-riżultati ta' tali kooperazzjoni se jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Partijiet; u

FILWAQT LI JIXTIEQU jistabbilixxu qafas formali sabiex ikunu implimentati l-attivitajiet kooperattivi ġenerali li se jsaħħu l-kooperazzjoni "fix-xjenza u fit-teknoloġija" bejn il-Partijiet;

QABLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

1. "Attivitajiet Kooperattivi" tfisser kemm Attivitajiet Kooperattivi Diretti kif ukoll Attivitajiet Kooperattivi Indiretti.

2. "Attivitajiet Kooperattivi Diretti" tfisser attivitajiet kooperattivi mwettqa fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija bejn il-Partijiet jew l-aġenti eżekuttivi tagħhom.

3. "Attivitajiet Kooperattivi Indiretti" tfisser attivitajiet kooperattivi, għajr Attivitajiet Kooperattivi Diretti, fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija mwettqa bejn il-Gvern ta' New Zealand jew il-Parteċipanti ta' New Zealand fuq in-naħa l-waħda, u l-Komunità jew il-Parteċipanti tal-Komunità fuq l-oħra, permezz ta' :

   (a) il-parteċipazzjoni tal-Gvern ta' New Zealand jew il-Parteċipanti ta' New Zealand Participants fil-Programm Komunitarju ta' Qafas skond l-Artikolu 166 tat-Trattat li jistabbixxi l-Komunità Ewropea (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Programm ta' Qafas"); u

   (b) il-parteċipazzjoni tal-Komunità jew il-Parteċipanti tal-Komunità fil-programmi jew fil-proġetti ta' riċerka fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija fi New Zealand simili għal dawk koperti mill-Programm ta' Qafas.

4. “Proprjetà Intelletwali” għandu jkollha t-tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intelletwali, li saret fi Stokkolma fil-14 ta’ Lulju 1967.

5. “Parteċipant” tfisser kwalunkwe persuna naturali li għandha r-residenza ordinarja tagħha fi New Zealand jew fil-Komunità, jew kwalunkwe persuna ġuridika kostitwita fi New Zealand jew fil-Komunità li jkollha personalità ġuridika u li tkun intitolata għal drittijiet u suġġetta għal obbligi ta’ kwalunkwe tip f’isimha u ma tinkludix lill-Partijiet. Biex ikunu evitati dubji, l-Entitajiet tal-Kuruna ta’ New Zealand huma Parteċipanti u mhumiex inklużi fit-tifsira ta’ “Parti”. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-KE se jkun kemm Parteċipant sabiex jipparteċipa f’Attivitajiet Kooperattivi Indiretti, kif ukoll aġent eżekuttiv, sabiex iwettaq Attivitajiet Kooperattivi Diretti.

Artikolu 2

Il-Fini u l-Prinċipji

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu, jiżviluppaw u jiffaċilitaw l-Attivitajiet Kooperattivi għal finijiet paċifiċi skond dan il-Ftehim u skond il-liġijiet u r-regolamenti taż-żewġ Partijiet.

2. L-Attivitajiet Kooperattivi għandhom jitwettqu fuq il-bażi tal-prinċipji li ġejjin:

   (a) Kontribuzzjonijiet u benefiċċji reċiproċi u ekwi;

   (b) L-aċċess reċiproku tal-Parteċipanti għal programmi jew għal proġetti ta’ riċerka operati jew iffinanzjati mill-Parti l-oħra;

   (c) L-iskambju f’waqtu ta’ informazzjoni li tista’ tikkonċerna Attivitajiet Kooperattivi;

   (d) Il-promozzjoni ta’ soċjetajiet bbażati fuq l-għarfien għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żewġ Partijiet; u

   (e) Il-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali skond l-Artikolu 8.

Artikolu 3

L-Attivitajiet Kooperattivi

1. L-Attivitajiet Kooperattivi Direttivi skond dan il-Ftehim jistgħu jinkludu:

   (a) Laqgħat ta’ diversi forom, inklużi dawk ta’ esperti, sabiex ikun hemm diskussjoni u skambju ta’ informazzjoni dwar suġġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta’ natura ġenerali jew speċifika u sabiex ikunu identifikati proġetti u programmi ta’ riċerka u żvilupp li jistgħu jitwettqu fuq bażi kooperattiva;

   (b) L-iskambju ta’ informazzjoni dwar attivitajiet, politiki, prattiki, liġijiet u regolamenti li jikkonċernaw ir-riċerka u l-iżvilupp;

   (c) Żjarat u skambji ta’ xjenzati, persunal tekniku u esperti oħrajn fuq suġġetti ġenerali jew speċifiċi; u

   (d) Forom oħrajn ta’ attivitajiet fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija, inkluża l-implimentazzjoni ta’ proġetti u ta’ programmi kooperattivi, li jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet dwarhom mill-Kumitat Konġunt li jissemma fl-Artikolu 6, skond il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

2. Sabiex ikunu żviluppati Attivitajiet Kooperattivi Indiretti, kwalunkwe Parteċipant ta' New Zealand jew kwalunkwe Parteċipant tal-Komunità jista' jikkollabora fi kwalunkwe programm jew proġett ta' riċerka operat jew iffinanzjat mill-Parti l-oħra, bil-qbil tal-Parteċipanti l-oħra f'dak il-programm jew f'dak il-proġett u skond il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet u skond ir-regoli rilevanti ta' parteċipanti f'tali programmi jew proġetti.

3. Fil-qafas ta' dan il-Ftehim, f'każ li Parti waħda tikkonkludi kuntratt ma' Parteċipant tal-Parti l-oħra għal Attività Kooperattiva Indiretta, il-Parti l-oħra, meta tintalab tagħmel dan, għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi kwalunkwe għajnuna raġonevoli u fattibbli, kif jista' jkun meħtieġ jew ta' għajnuna għall-Parti ta' l-ewwel, għall-implimentazzjoni mingħajr problemi ta' tali kuntratt.

4. Il-koordinazzjoni u l-faċilitazzjoni ta' Attivitajiet Kooperattivi skond dan il-Ftehim għandhom jitwettqu, f'isem New Zealand, mill-Ministeru għar-Riċerka, ix-Xjenza u t-Teknoloġija jew mill-aġenzija suċċessura tiegħu, u f'isem il-Komunità, mis-servizzi tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li għandhom jagħmluha ta' aġenti eżekuttivi.

Artikolu 4

L-Arranġamenti Implimentattivi

1. Fejn ikun xieraq, l-Attivitajiet Kooperattivi jistgħu jsiru skond l-arranġamenti implimentattivi bejn il-Partijiet jew bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet ta' New Zealand li jiffinanzjaw il-programmi jew il-proġetti ta' riċerka f'isem il-Gvern ta' New Zealand. Dawn l-arranġamenti jistgħu jistabbilixxu:

   (a) In-natura ta' u kemm iddum il-kooperazzjoni f'qasam speċifiku jew għal fini speċifiku;

   (b) It-trattament tal-Proprjetà Intelletwali ġġenerata mill-kooperazzjoni, konsistenti ma' dan il-Ftehim;

   (c) Kwalunkwe impenn ta' finanzjament applikabbli;

   (d) L-allokazzjoni ta' l-ispejjeż assoċjati mal-kooperazzjoni; u

   (e) Kwalunkwe kwistjoni rilevanti oħra.

2. L-Attivitajiet Kooperattivi li jkunu għaddejjin meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim għandhom ikunu inkorporati f'dan il-Ftehim minn dik id-data.

Artikolu 5

Id-Dħul tal-Persunal u tat-Tagħmir

Skond il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tal-Partijiet u ta' l-Istati Membri ta' l-UE, kull Parti għandha tiffaċilita d-dħul fi u l-ħruġ mit-territorju tagħha ta' persunal, materjal u tagħmir tal-Parteċipanti involuti fi jew li ntużaw f'Attivitajiet Kooperattivi.

Artikolu 6

Il-Kumitat Konġunt

1. Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim, l-aġenti eżekuttivi għandhom jistabbilixxu Kumitat Konġunt dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Kumitat Konġunt"). Il-Kumitat Konġunt għandu jikkonsisti mir-rappreżentati ta' kull Parti u għandu jkun ko-presjedut mir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa', għallinqas kull sentejn, b'mod alternat fi New Zealand u fil-Komunità.

3. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu li:

   (a) Jiskambja fehmiet u informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' politika xjentifika u teknoloġika;

   (b) Jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet rigward l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi l-identifikazzjoni u r-rakkomandazzjoni ta' żidiet ma' l-Attivitajiet Kooperattivi li jissemmew fl-Artikolu 3 u miżuri konkreti sabiex jittejjeb l-aċċess reċiproku pprovdut fl-Artikolu 3(2);

   (c) Bla ħsara għall-proċessi domestiċi ta' approvazzjoni ta' kull Parti, jagħmel emendi tekniċi għal dan il-Ftehim kif ikun meħtieġ; u

   (d) F'kull laqgħa, jirrivedi u jipprovdi rapport lill-Partijiet dwar l-istatus, il-kisbiet, u l-effikaċja ta' l-Attivitajiet Kooperattivi, inklużi l-aċċess reċiproku pprovdut skond l-Artikolu 3(2) u l-arranġamenti ta' kull Parti għal riċerkaturi fuq żjarat.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċeduri tiegħu stess. Id-deċiżjonijiet tiegħu għandhom jintlaħqu b'kunsens.

5. L-infiq tar-rappreżentanti għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, bħall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomandazzjoni, għandhom jinġarru mill-Parti li magħha jkunu relatati. Kwalunkwe spiża oħra assoċjata ma' dawn il-laqgħat għandha tinġarr mill-Parti ospitanti.

Artikolu 7

Il-Finanzjament

1. L-implimentazzjoni ta'dan il-Ftehim min-naħa ta' kull Parti għandha tkun suġġetta għad-disponibbiltà ta' fondi approprjati u għal-liġijiet u għar-regolamenti applikabbli ta' dik il-Parti.

2. L-ispejjeż ta' l-Attivitajiet Kooperattivi għandhom jinġarru kif ikun deċiż mill-Parteċipanti jew mill-Partijiet involuti.

3. Meta Parti waħda tipprovdi sostenn finanzjarju lill-Parteċipanti tal-Parti l-oħra b'konnessjoni ma' Attivitajiet Kooperattivi Indiretti, kwalunkwe għotja u kontribuzzjoni finanzjarja jew ta' xort'oħra mingħand il-Parti li qed tagħti l-finanzjament lill-Parteċipanti tal-Parti l-oħra b'sostenn ta' dawk l-attivitajiet għandhom jingħataw eżenzjoni fiskali skond il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti fis-seħħ fit-territorji ta' kull Parti fiż-żmien li jsiru tali għotjiet u kontribuzzjonijiet finanzjarji jew ta' xort'oħra.

Artikolu 8

L-Informazzjoni u d-Drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali

1. L-informazzjoni xjentifika u teknoloġika li ma tkunx relatata ma' proprjetà li tirriżulta minn Attivitajiet Kooperativi tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet permezz tal-mezzi tas-soltu u skond il-proċeduri ġenerali tagħha.

2. Kull Parti għandha tiżgura ruħha li t-trattament li tagħti lid-drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali u lill-obbligi tal-Parteċipanti f'Attivitajiet Kooperattivi Indiretti, u lid-drittijiet u lill-obbligi relatati li jirriżultaw minn tali parteċipazzjoni, għandu jkun konsistenti mal-liġijiet u mar-regolamenti u mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-Ftehim dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali, l-Anness IC għall-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ kif ukoll l-Att ta' Pariġi ta' l-24 ta' Lulju 1971 tal-Konvenzjoni ta' Berne għall-Ħarsien tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Att ta' Stokkolma ta' l-14 ta' Lulju 1967 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Ħarsien tal-Proprjetà Industrijali.

3. Kull Parti għandha tiżgura ruħha li l-Parteċipanti f'Attivitajiet Kooperattivi Indiretti tal-Parti l-oħra għandu jkollhom l-istess trattament rigward il-Proprjetà Intelletwali kif jingħata lill-Parteċipanti ta' l-ewwel Parti skond ir-regoli rilevanti ta' parteċipazzjoni ta' kull programm jew proġett ta' riċerka, jew skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha.

Artikolu 9

L-Applikazzjoni Territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika:

(a) għat-territorji fejn jiġi applikat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat; u

(b) għat-territorju ta' New Zealand.

Dan m'għandux jipprevjeni t-twettiq ta' Attivitajiet Kooperattivi fl-ibħra fil-miftuħ, fl-ispazju jew fit-territorju ta' pajjiżi terzi, skond id-dritt internazzjonali.

Artikolu 10

Ftehimiet Oħrajn u s-Soluzzjonijiet tat-Tilwim

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet fi ftehimiet eżistenti u/jew futuri bejn il-Partijiet, jew bejn kwalunkwe Stat Membru tal-Komunità u l-Gvern ta' New Zealand.

2. Kwalunkwe kwistjoni jew tilwima relatata ma' l-interpretazzjoni jew ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi solvuta b'konsultazzjoni bejn il-Partijiet.

Artikolu 11

L-Istatus ta' l-Anness

L-Anness għal dan il-Ftehim jikkostitwixxi arranġament mhux vinkolanti bejn l-aġenti eżekuttivi rigward id-drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali u drittijiet oħrajn ta' proprjetà maħluqa jew introdotti matul Attivitajiet Kooperattivi Diretti.

Artikolu 12

L-Emendi

Ħlief għall-emendi tekniċi li jsiru mill-Kumitat Konġunt skond l-Artikolu 6(3)(c), dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet permezz ta' l-iskambju ta' noti diplomatiċi. Ħlief jekk il-Partijiet jiftiehmu mod ieħor, emenda għandha tidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jiskambjaw noti diplomatiċi li jinformaw lil xulxin li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' l-emenda ġew ikkompletati.

Artikolu 13

Id-Dħul fis-Seħħ u t-Tmiem

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jiskambjaw noti diplomatiċi li jinformaw lil xulxin li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ġew ikkompletati.

2. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu inizjali ta' ħames snin. Sakemm kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma tinnotifikax lill-oħra li dan il-Ftehim jintemm fi tmiem il-perjodu inizjali, dan il-Ftehim għandu jkompli jibqa' fis-seħħ wara l-perjodu inizjali sakemm kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma tavżax lill-Parti l-oħra bil-miktub bil-ħsieb li għandha li ttemm dan il-Ftehim. F'każ bħal dan, dan il-Ftehim għandu jieqaf ikollu effett sitt xhur wara li tiġi riċevuta tali notifika.

3. It-tmiem ta' dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe Attività Kooperattiva li tkun għadha ma twettqitx bis-sħiħ fi żmien it-tmiem ta' dan il-Ftehim jew għal kwalunkwe dritt u obbligu speċifiċi li jkunu akkumuulaw f'konformità ma' l-Anness għal dan il-Ftehim.

B'XIEHDA TA' DAN, is-sottoskritt, billi huwa debitament awtorizzat għal dan mill-Komunità Ewropea u mill-Gvern ta' New Zealand rispettivament, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'żewġ kopji fi ……., fi …… jum ta' …….., bl-Ingliż, bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u biż-Żvediż, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA:	GĦALL-GVERN TA' NEW ZEALAND:

ANNESS

Arranġament rigward id-drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali u drittijiet oħrajn ta' proprjetà maħluqa jew introdotti matul Attivitajiet Kooperattivi Direttivi bejn New Zealand u l-Komunità Ewropea

Il-Ministeru għar-Riċkera, ix-Xjenza u t-Teknoloġija u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ("l-aġenti eżekuttivi"), konsistentement ma' l-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand ("il-Ftehim") laħqu l-fehimiet li ġejjin rigward il-ħarsien tad-drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali maħluqa jew introdotti matul Attivitajiet Kooperattivi Diretti (kif ġew iddefiniti fl-Artikolu 1 tal-Ftehim) skond il-Ftehim:

1. Sakemm l-aġenti eżekuttivi flimkien ma jiddeċidux mod ieħor, ir-regoli li ġejjin se japplikaw għad-drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali maħluqa jew introdotti mill-Partijiet matul Attivitajiet Koordinattivi Diretti:

   (a) Il-Parti li toħloq il-Proprjetà Intelletwali se jkollha sjieda sħiħa. F'każi fejn il-Proprjetà Intelletwali inħolqot konġuntement u s-sehem rispettiv tax-xogħol miż-żewġ Partijiet ma jistax jiġi aċċertat, il-Partijiet se jkollhom sjieda konġunta tal-Proprjetà Intelletwali.

   (b) Ħlief kif ġie stabbilit fil-paragrafu 2, il-Parti li jkollha s-sjieda jew li tintroduċi l-Proprjetà Intelletwali se tagħti lill-Parti l-oħra d-drittijiet ta' aċċess meħtieġa sabiex twettaq kwalunkwe Attività Kooperattiva Diretta. Tali drittijiet ta' aċċess se jingħataw fuq bażi ħielsa mir-royalties.

   (c) Ħlief kif ġie stabbilit fil-paragrafu 2, fejn il-Partijiet konġuntement ikollhom is-sjieda ta' Proprjetà Intelletwali, kull Parti se tagħti lill-Parti l-oħra liċenzja mhux esklussiva, irrevokabbli u ħielsa mir-royalties sabiex tuża u tesplojta dik il-Proprjetà Intelletwali għall-finijiet tal-Parti l-oħra.

2. Sakemm l-aġenti eżekuttivi flimkien ma jiddeċidux mod ieħor, ir-regoli li ġejjin se japplikaw għall-copyrights u għad-drittijiet relatati tal-Partijiet maħluqa jew introdotti mill-Partijiet matul Attivitajiet Kooperattivi Diretti:

   (a) Meta Parti tippubblika data, informazzjoni jew riżultati xjentifika u teknika, li tirriżulta minn u tkun relatata ma' Attivitajiet Kooperattivi, permezz ta' ġurnali, artikli, rapporti, kotba, l-Internet, jew f'forom oħrajn, inklużi vidjos u tagħmir għall-ħażna elettronika, il-Parti tal-pubblikazzjoni se tagħmel ħilitha kollha sabiex tikseb għall-Parti l-oħra, liċenzji esklussivi, irrevokabbli u ħielsa mir-royalties fil-pajjiżi kollha fejn tkun disponibbli l-ħarsien tal-copyright, sabiex tittraduċi, tirriproduċi, tadatta, titrażmetti u pubblikament tqassam tali xogħlijiet. Madankollu, il-Parti l-pubblikazzjoni m'għandha l-ebda obbligu li tikseb tali liċenzji mingħand partijiet terzi li l-Parti tal-pubblikazzjoni, fi żmien l-ewwel pubblikazzjoni, ma kinitx taf li kienu s-sidien ta' kwalunkwe Proprjetà Intelletwali f'tali xogħlijiet.

   (b) Il-kopji kollha pubblikament imqassma ta' xogħol bil-copyright skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2(a) se jindikaw l-isem(ismijiet) ta' l-awtur(i) tax-xogħol sakemm l-awtur(i) espliċitament jirrifjuta(w) li jissemma(jissemmew). Se juru wkoll rikonoxximent viżibbli b'mod ċar tas-sostenn kooperattiv tal-Partijiet.

3. Sakemm l-aġenti eżekuttivi flimkien ma jiddeċidux mod ieħor, il-Proprjetà Intelletwali kollha fil-paragrafi 1 u 2 se tkun ipprovduta bla ebda garanzija, espliċita jew impliċita, inklużi garanziji dwar kemm tkun adattata għal fini partikolari, dwar titoli jew nuqqas ta' ksur.

4. Sakemm l-aġenti eżekuttivi flimkien ma jiddeċidux mod ieħor, ir-regoli li ġejjin se japplikaw għall-informazzjoni mhux żvelata tal-Partijiet:

   (a) Meta tikkomunika lill-Parti l-oħra informazzjoni meħtieġa biex jitwettqu Attivitajiet Kooperattivi Diretti, kull Parti se tidentifika l-informazzjoni li tixtieq li tibqa' mhux żvelata ("informazzjoni mhux żvelata").

   (b) Parti li tirċievi informazzjoni mhux żvelata tista' tikkomunika dik l-informazzjoni lill-aġenziji tagħha, lil persuni impjegati permezz ta' dawn l-aġenziji, għall-fini speċifiku li jitwettqu Attivitajiet Kooperattivi Diretti. Il-Parti riċeventi se timponi obbligu ta' kunfidenzjalità għal tali informazzjoni mhux żvelata fuq l-aġenziji, l-impjegati tagħhom u partijiet terzi, inklużi l-kuntratturi u s-sotto-kuntratturi.

   (c) Bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Parti li tipprovdi l-informazzjoni mhux żvelata biss, il-Parti l-oħra għandha xxerred tali informazzjoni mhux żvelata b'mod aktar ġenerali milli huwa permess fil-paragrafu 4(b). Il-Partijiet se jikkooperaw biex jiżviluppaw proċeduri biex jintalab u jinkiseb kunsens minn qabel bil-miktub għal tali tixrid aktar ġenerali. Meta tintalab tagħmel dan, kull Parti se tagħti tali kunsens sal-punt li tkun permessa mil-liġijiet u mir-regolamenti tagħha.

   (d) L-informazzjoni li tirriżulta minn seminars, laqgħat, assignments ta' l-istaff u mill-użu ta' faċilitajiet li saru arranġamenti għalihom skond il-Ftehim se tkun ittrattata bħala informazzjoni mhux żvelata meta l-Parti li tipprovdi l-informazzjoni tidentifikaha bħala tali, skond il-paragrafu 4(a).

   (e) Jekk Parti waħda ssir konxja li, jew qed tistenna li mhux se tkun tista' tissodisfa r-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet tat-tixrid ta' dan l-Anness, se tinforma immedjatament lill-Parti l-oħra. Wara dan il-Partijiet se jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiddefinixxu kors xieraq ta' azzjoni.

5. Dan l-Arranġament jista' jiġi mmodifikat bil-kunsens reċiproku bil-miktub ta' l-aġenti eżekuttivi.

6. Dan l-Arranġament se jidħol fis-seħħ dak inhar li l-Ftehim jidħol fis-seħħ.

IL-PROSPETT FINANZJARJU LEĠIŻLATTIV

ISEM IL-PROPOSTA

Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand.

IL-QAFAS ABM / ABB

L-istrateġija u l-koordinazzjoni tal-politika ta', b'mod partikolari, id-Direttorati-Ġenerali RTD, JRC, ENTR, INFSO u TREN.

3. IL-LINJI BAĠITARJI

3.1.Il-linji baġitarji (linji operattivi u linji ta' għajnuna teknika u amministrattiva relatati (eks-linji B.A)) inklużi l-intestaturi: L-ispejjeż b'konnessjoni ma' l-implimentazzjoni tal-Ftehim (laqgħat ta' ħidma, seminars, laqgħat), se jitniżżlu fil-linji baġitarji amministrattivi għall-programmi speċifiċi tal-Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea (XX.01.05.03).

3.2. Kemm se ddum l-azzjoni u l-impatt finanzjarju:

Mid-data meta l-Partijiet jiskambjaw noti diplomatiċi li jinformaw lil xulxin li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ġew ikkompletati, għal perjodu inizjali ta' ħames snin u se jkun impliċitament imġedded, kif ġie stabbilit fl-Artikolu 13 tal-Ftehim.

3.3. Il-karatteristiċi baġitarji (*żid ir-ringieli jekk ikun meħtieġ*):

Il-linja baġitarja	**It-tip ta' nefqa**		**Ġdid**	**Il-kontribuzzjoni ta' l-EFTA**	**Il-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti**	**L-intestaturi fil-perspettiva finanzjarja**
xx01.05.03	Mhux obblig	Mhux diff[2]	LE	IVA	IVA	Nru 1A

[2] Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1 Ir-Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn (AI) u ta' l-approprjazzjonijiet ta' ħlas (AĦ)

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

It-tip ta' nefqa	In-Nru. tat-Taqsima		2008	2009	2010	2011	2012	.	Total
In-nefqa operattiva[3]									
L-Approprjazzjonijiet ta' Impenn (AI)	8.1	a	0						0
L-Approprjazzjonijiet ta' Ħlas (AĦ)		b	0						0
In-nefqa amministrattiva fl-ammont ta' referenza[4]									
L-għajnuna teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4	c	0.02	0.02	0.02	0.02	0.02		**0.10**
L-AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
L-Approprjazzjonijiet ta' Impenn		**a+c**	0.02	0.02	0.02	0.02	0.02		**0.10**
L-Approprjazzjonijiet ta' Ħlas		**b+c**	0.02	0.02	0.02	0.02	0.02		**0.10**
In-nefqa amministrattiva <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza[5]									
Ir-riżorsi umani u n-nefqa assoċjata (AMD)	8.2.5	d	0						0
L-ispejjeż amministrattivi, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	e	0	0	0.	0	0	0	0

L-ispiża finanzjara indikativa totali ta' intervent

AI TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c+d+e	0.02	0.02	0.02	0.02	0.02		**0.10**
AĦ TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c+d+e	0.02	0.02	0.02	0.02	0.02		**0.10**

[3] Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.
[4] Nefqa fl-Artikolu xx 01 05 tat-Titolu xx.
[5] Nefqa fil-Kapitolu xx 01 għajr l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Id-dettalji tal-ko-finanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi ko-finanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), fit-tabella t'hawn taħt għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-ko-finanzjament (jistgħu jiġu miżjuda linji addizzjonali jekk għall-provvista tal-ko-finanzjament ikunu previsti entitajiet differenti):

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

L-entità tal-ko-finanzjament		Sena	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n+5 u wara	Total
……	f							
AI TOTALI inkluż il-ko-finanzjament	a+c+d +e+f							

4.1.2 Il-Kompatibbiltà mal-Programmazzjoni Finanzjarja

x Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanjarja eżistenti.

☐ Il-proposta se tinvolvi ri-programmazzjoni ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[6] (jiġifieri, strument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3 L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul

x Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

Nota: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha relatati mal-metodu kif jiġi kkalkulat l-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat.

EUR miljuni (sa post deċimali wieħed)

		Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Il-linja baġitarja	Id-dħul		2008	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5][7]
603.1	*a) Id-dħul f'termini assoluti*	0						
	b) Il-bidla fid-dħul	*Δ*						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja baġitarja tad-dħul involuta, fejn iżżid in-numru xieraq ta' ringieli fit-tabella jekk ikun hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)

6 Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

7 Jekk ikun meħtieġ għandhom jiġu miżjuda kolonni addizzjonali, jiġifieri jekk l-azzjoni ddum għal aktar minn 6 snin.

4.2 L-FTE tar-Riżorsi Umani (inklużi l-uffiċjali, l-istaff temporanju u estern) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

Ir-rekwiżiti annwali	2008					
In-numru totali ta' riżorsi umani						

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

Fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni jinħtieġu dettalji tal-kuntest tal-proposta. Din it-taqsima tal-Prospett Finanzjaru Leġiżlattiv għandha tinkludi l-informazzjoni komplementari speċifika li ġejja:

5.1. Jeħtieġ li jiġu sodisfatti tul perjodu qasir jew twil ta' żmien:

Din id-deċiżjoni se tippermetti li ż-żewġ Partijiet jaġġornaw u jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom f'oqsma ta' interess xjentifiku u teknoloġiku komuni.

5.2 Il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli:

Il-Ftehim huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' benefiċċju reċiproku, fuq opportunitajiet reċiproċi għal aċċess għall-programmi u għall-attivitajiet ta' xulxin li jkunu rilevanti għall-fini tal-Ftehim, in-non-diskriminazzjoni, il-ħarsien effettiv tal-proprjetà intelletwali u l-kondiviżjoni ekwa tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali. Il-proposta hija wkoll skond in-nefqa amministrattiva li qed iġġorr il-Komunità li tipprovdi għall-missjonijiet min-naħa ta' esperti u ta' uffiċjali ta' l-UE u għall-gruppi ta' ħidma, għas-seminars u għal-laqgħat li għandhom jiġu organizzati fil-Komunità Ewropea u fi New Zealand.

5.3 L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

Din id-deċiżjoni għandha tippermetti kemm lil New Zealand kif ukoll lill-Komunità Ewropea sabiex jisiltu benefiċċju reċiproku mill-progress xjentifiku u tekniku li ntlaħaq permezz tal-programmi ta' riċerka tagħhom. Se tippermetti skambju ta' għarfien speċifiku u trasferiment ta' għarfien għall-benefiċċju tal-komunità xjentifika, ta' l-industrija u taċ-ċittadini.

5.4. Il-Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

Uri hawn taħt il-metodu(i)[8] magħżul(a) għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.

X ***Ġestjoni Ċentralizzata***

X Direttament mill-Kummissjoni

☐ Indirettament b'delega lil:

☐ Aġenziji Eżekuttivi

☐ Entitajiet imwaqqfa mill-Komunitajiet kif jissemma fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

☐ Entitajiet nazzjonali tas-settur pubbliku/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku.

---

[8] Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji addizzjonali fit-taqsima "Kummenti rilevanti" ta' dan il-punt.

☐ ***Ġestjoni kondiviża jew deċentralizzata***

☐ Ma' l-Istati Membri

☐ Ma' pajjiżi terzi

☐ ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Kummenti rilevanti:

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1.Is-sistema ta' monitoraġġ

Id-dipartimenti tal-Kummissjoni se jevalwaw regolarment l-azzjonijiet kollha mwettqa skond il-ftehim ta' kooperazzjoni, li se jkunu wkoll suġġetti għal evalwazzjoni regolari konġunta min-naħa tal-Komunità u ta' New Zealand. Din l-evalwazzjoni se tkopri:

(a) L-indikaturi tar-rendiment

- in-numru tal-missjonijiet u tal-laqgħat;

- in-numru ta' l-oqsma differenti ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni.

(b) Il-ġbir ta' l-informazzjoni:

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mill-programmi speċifiċi tal-Programm ta' Qafas u ta' l-informazzjoni pprovduta minn New Zealand lill-Kumitat Konġunt ipprovdut mill-Ftehim.

(c) L-evalwazzjoni ġenerali:

Il-Kummissjoni se tevalwa l-azzjonijiet koperti minn din il-parteċipzzjoni qabel tmiem il-ħames snin inizjali ta' l-implimentazzjoni.

6.2 L-evalwazzjoni

Il-Kummissjoni se tevalwa l-azzjonijiet koperti minn dan il-ftehim ta' kooperazzjoni qabel tmiem il-ħames snin inizjali ta' implimentazzjoni.

6.3 It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni futura

Il-partijiet għall-Ftehim se jevalwaw l-applikazzjoni tiegħu mill-inqas kull sentejn fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt li jissemma fl-Artikolu 6 tiegħu.

7. IL-MIŻURI TA' KONTRA L-FRODI

Meta l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas titlob l-użu ta' kuntratturi esterni jew tinvolvi l-għotja ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji lil partijiet terzi, il-Kummissjoni se twettaq verifiki finanzjarji, fejn ikun xieraq, b'mod partikolari jekk ikollha raġuni biex tiddubita n-natura realistika tax-xogħol imwettaq jew deskritt fir-rapporti ta' attività.

Il-verifiki finanzjarji Komunitarji se jitwettqu jew mill-istaff tagħha stess jew minn esperti tal-kontabbiltà approvati skond il-liġi tal-Parti vverifikata. Il-Komunità se tagħżel lil ta' l-aħħar bil-libertà kollha, filwaqt li tevita kwalunkwe riskju ta' kunflitti ta' interess li jistgħu jkunu indikati lilha mill-Parti suġġetta għall-verifika.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tiżgura ruħha, meta twettaq l-attivitajiet ta' riċerka, li l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ikunu mħarsa b'kontrolli effettivi u fejn ikun skoperti xi irregolaritajiet, minn miżuri u pieni deterrenti u proporzjonati.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-regoli dwar il-kontrolli, il-miżuri u l-pieni, b'referenza għar-Regolamenti Nri 2988/95, 2185/96 and 1073/99, se jkunu inkorporati fil-kuntratti kollha li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas.

B'mod partikolari, il-punti li ġejjin se jkollhom jiġu pprovduti fil-kuntratti:

– l-introduzzjoni ta' klawżoli kuntrattwali speċifiċi sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-KE fit-twettiq ta' verifiki u ta' kontrolli b'relazzjoni għax-xogħol imwettaq;

– il-parteċipazzjoni ta' spetturi amministrattivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi, skond ir-Regolamenti Nri 2185/96 u 1073/99;

– l-applikazzjoni ta' pieni amministrattivi għall-irregolaritajiet intenzjonali jew negliġenti kollha fl-implimentazzjoni tal-kuntratti, skond ir-Regolament ta' Qafas Nru 2988/95, inkluż mekkaniżmu ta' lista sewda;

– il-fatt li, fil-każ ta' irregolarijiet u frodi, l-ordnijiet possibbli ta' rkupru jkunu infurzabbli skond l-Artikolu 256 tat-Trattat KE.

Barra minn dan u bħala miżuri ta' rutina, l-istaff tad-DĠ għar-Riċerka responsabbli se jwettaq programm ta' kontroll rigward l-aspetti xjentifiċi u baġitarji. Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri se twettaq spezzjonijiet lokali.

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1 L-għanijiet tal-proposta f'termini ta l-ispiża finanzjarja tagħhom: **MA**

Approprjazzjonijiet ta' Impenn f'EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

(L-Intestaturi ta' l-Għanijiet, l-azzjonijiet u l-riżultati għandhom ikunu pprovduti)	**It-tip ta' riżultat**	**L-ispiża medja**	**Sena n**		**Sena n+1**		**Sena n+2**		**Sena n+3**		**Sena n+4**		**Sena n+5 u wara**		**TOTAL**	
			In-Nru. ta' riżultati	L-ispiża totali	In-Nru. ta' riżultati	L-ispiża totali	In-Nru. ta' riżultati	L-ispiża totali	In-Nru. ta' riżultati	L-ispiża totali	In-Nru. ta' riżultati	L-ispiża totali	In-Nru. ta' riżultati	L-ispiża totali	In-Nru. ta' riżultati	L-ispiża totali
L-GĦAN OPERATTIV Nru.1[9]																
Azzjoni 1…….																
- Riżultat 1																
- Riżultat 2																
Azzjoni 2…….																
Riżultat 1																
Sotto-total ta' l-Għan 1																
L-GĦAN OPERATTIV Nru.2																
Azzjoni 1…….																
- Riżultat 1																
Sotto-total ta' l-Għan 2																
L-GĦAN OPERATTIV Nru. n																
Sotto-total ta' l-Għan n																
SPIŻA TOTALI																

[9] Kif ġie deskritt fit-Taqsima 5.3.

8.2 In-Nefqa Amministrattiva

8.2.1 In-numru u t-tip ta' riżorsi umani

It-tipi ta' postijiet		L-istaff li għandu jiġi assenjat lill-ġestjoni ta' l-azzjoni billi jintużaw riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali **(in-numru ta' postijiet/FTEs)**					
		2008	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
L-uffiċjali jew l-istaff temporanju[10] (XX 01 01)	A*/ AD	0					
	B*, C*/ AST						
L-istaff iffinanzjat[11] skond l-Artikolu XX 01 02		0					
Staff ieħor iffinanzjat[12] skond l-Artikolu XX 01 04/05		0					
TOTAL		0					

8.2.2 Deskrizzjoni tal-kompiti li ġejjin mill-azzjoni

Il-ġestjoni tal-Ftehim se tinvolvi missjonijiet u l-attendanza għal laqgħat minn esperti u minn uffiċjali ta' l-UE u ta' New Zealand.

8.2.3 Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutarji)

(Meta jkun iddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika n-numru ta' postijiet li se joriġinaw minn kull wieħed mis-sorsi)

X Il-postijiet li bħalissa ġew allokati lill-ġestjoni tal-programm li għandu jiġi sostitwit jew estiż

☐ Il-postijiet pre-allokati fl-eżerċiżju APS/PDB għas-sena n

☐ Il-postijiet li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss

☐ Il-postjiet li għandhom jiġu organizzati mill-ġdid billi jintużaw riżorsi eżistenti fis-servizz ta' ġestjoni (organizzazzjoni interna mill-ġdid)

☐ Il-postijiet meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena in kwistjoni

10 Li l-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.
11 Li l-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.
12 Li l-ispiża tagħhom tkun inkluża fl-ammont ta' referenza.

8.2.4 Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza
(XX 01 04/05 – In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva)

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

Il-linja baġitarja (in-numru u l-intestatura)	2008	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1. L-għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati ta' l-istaff)							
L-aġenziji eżekuttivi[13]							
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra	0.02	0.02	0.02	0.02	0.02		0.1
- *intra muros*							
- *extra muros*							
It-Total ta' l-għajnuna teknika u amministrativa	0.02	0.02	0.02	0.02	0.02		0.1

8.2.5 L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

It-tip ta' riżorsi umani	2008	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
L-uffiċjali u l-istaff temporanju (XX 01 01)						
L-istaff iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 02 (awżiljarju, END, staff b'kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja baġitarja)						
L-ispiża totali tar-Riżorsi Umani u ta' l-ispejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' referenza)						

Kalkolu – ***L-Uffiċjali u l-Aġenti Temporanji***

Jekk ikun applikabbli, għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1

[13] Għandha ssir referenza għall-prospett finanzjarju leġiżlattiv għall-Aġenzija(i) Eżekuttiva(i) ikkonċernata(i).

Kalkolu – *L-istaff iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 02 MA*

Jekk ikun applikabbli, għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1

8.2.6 Nefqa amministrattiva oħra mhix inkluża fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

	2008	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati[14]							
XX 01 02 11 04 – Studji u Konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni							
2. It-Total ta' Nefqa Oħra ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)							
3. Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika billi tinkludi referenza għal-linja baġitarja)							
It-Total tan-nefqa amministrattiva, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHIX inkluża fl-ammont ta' referenza)							

Kalkolu – ***Nefqa amministrattiva oħra li mhix inkluża fl-ammont ta' referenza***

[14] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.